C/2024/5906

27.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11698 – PROMAN / VALENZ)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5906)

1. Fl-20 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Proman AG ("Proman", l-Iżvizzera),

— Valenz Holding AG ("Valenz", l-Iżvizzera), ikkontrollata b'mod konġunt minn Proman u MFH Holding GesmbH (l-Awstrija).

Proman se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani tat-totalità ta' Valenz.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Proman hija kumpanija li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fl-Iżvizzera li tipproduċi l-metanol. Tipproduċi wkoll fertilizzanti (ammonju u nitrat tal-ammonju tal-urea), kif ukoll melamina. Proman hija attiva fl-Ewropa, fl-Amerika ta' Fuq u t'Isfel u fl-Asja. L-impjanti tal-produzzjoni tal-metanol ta' Proman huma bbażati fl-Istati Uniti, fl-Oman u fi Trinidad u Tobago. Proman twassal il-metanol esklussivament lil Valenz,

— Valenz hija kumpanija li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fl-Iżvizzera, li l-attività ewlenija attwali tagħha hija l-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-metanol ta' Proman lill-klijenti madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11698 – PROMAN / VALENZ

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË